

**Brussell, 11 ta' Lulju 2023
(OR. en)**

**11144/1/23
REV 1**

**ECOFIN 669
UEM 203
SOC 495
EMPL 346
COMPET 690
ENV 769
EDUC 282
RECH 314
ENER 405
JAI 915
GENDER 146
ANTIDISCRIM 140
JEUN 184
SAN 421**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	11144/23
Nru dok. Cion:	COM(2023) 614 final1
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tal-Latvja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Latvja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif diskuss mill-Kunsill u l-Kunsill Ewropew, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni COM(2023) 614 final.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tal-Latvja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Latvja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi², u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

² ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("il-Faċilità"), daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, li jinvolvu impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. F'konformità mal-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew, il-Faċilità tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u inklużiv u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti sostenibbli u li jtejbu t-tkabbir, b'mod partikolari riformi u investimenti biex jipromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u biex jagħmlu l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti. Tgħin ukoll biex issaħħaħ il-finanzi pubbliċi u tagħti spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq terminu medju u twil, ittejjeb il-koeżjoni territorjali fl-Unjoni u tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

³ Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (2) Fit-22 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2023, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2023 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fit-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li huma ċċentriati madwar l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva. Fit-22 ta' Novembru 2022, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2023, li fih identifikat lil-Latvja bħala wieħed mill-Istati Membri li jista' jiġi affettwat jew li jista' jkun friskju li jiġi affettwat mill-iżbilanċi, u li għalih tkun meħtieġa analiżi fil-fond. Fl-24 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni adottat ukoll opinjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-Latvja għall-2023. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁴ ("Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro") fis-16 ta' Mejju 2023 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fit-13 ta' Marzu 2023.
- (3) Filwaqt li l-ekonomiji tal-Unjoni qed juru reżiljenza notevoli, il-kuntest ġeopolitiku għad għandu impatt negattiv. Hekk kif l-Unjoni qed tappoġġa b'mod sod lill-Ukrajna, l-aġenda tal-politika ekonomika u soċjali tal-Unjoni hija ffukata fuq it-tnaqqis tal-impatt negattiv tax-xokkijiet tal-enerġija kemm fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli kif ukoll fuq id-ditti fuq terminu qasir, u fuq iż-żamma tal-isforzi biex titwettaq it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, l-appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, is-salvagwardja tal-istabbiltà makroekonomika u ż-żieda tar-reżiljenza fuq terminu medju. Hija tiffoka ħafna wkoll fuq iż-żieda fil-kompetittività u l-produttività tal-Unjoni.

⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2023 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C 180, 23.5.2023, p. 1).

- (4) Fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti" ("il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku"). L-għan tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika. Huwa jikkomplementa l-isforzi li għaddejjin bil-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-REPowerEU. Huwa għandu l-għan ukoll li jipprovdi ambjent li jappoġġa aktar iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni għat-teknoloġiji u l-prodotti b'emissjonijiet zero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ambizzjużi tal-Unjoni, u biex jiġi żgurat aċċess għal materja prima kritika rilevanti, inkluż bid-diversifikazzjoni tal-akkwist, l-isfruttament kif xieraq tar-riżorsi ġeoloġiċi fl-Istati Membri u l-massimizzazzjoni tar-riċiklaġġ tal-materja prima. Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa bbażat fuq erba' pilastri: ambjent regolatorju prevedibbli u semplifikat, aċċess imħaffef għall-finanzjament, it-titjib tal-ħiliet, u kummerċ miftuħ għal ktajjen tal-provvista reżiljenti. Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ħarġet ukoll komunikazzjoni bit-titolu "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030", strutturata fuq disa' xpruni li jsaħħu lil xulxin bl-għan li ssir ħidma lejn qafas regolatorju li jsaħħaħ it-tkabbir. Hija tistabbilixxi prijoritajiet ta' politika mmirati biex jiżguraw b'mod attiv titjib strutturali, investment iffukat tajjeb u miżuri regolatorji għall-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt jgħinu biex jiġu indirizzati dawk il-prijoritajiet.
- (5) Fl-2023, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jevolvi f'konformità mal-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tibqa' essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa f'dawn l-aħħar snin. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019, l-2020 u l-2022 jibqgħu ugwalment rilevanti għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (6) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ ("ir-Regolament REPowerEU"), li ġie adottat fis-27 ta' Frar 2023 għandu l-għan li jipproċedi malajr bl-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi. Dan ser jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, filwaqt li jżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika. Ir-Regolament REPowerEU jippermetti lill-Istati Membri jżidu kapitolu ġdid tar-REPowerEU mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ewlenin li ser jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi tar-REPowerEU. Dawk ir-riformi u l-investimenti ser jgħinu wkoll biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni kif deskritt fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku u ser jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija maħruġa lill-Istati Membri fl-2022 u, fejn applikabbli, fl-2023. Ir-Regolament REPowerEU jintroduċi kategorija ġdida ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, li ssir disponibbli għall-Istati Membri sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ġodda relatati mal-enerġija skont il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.

⁵ Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

(7) Fit-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida għall-politika fiskali għall-2024 ("il-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023"). Hija għandha l-għan li tappoġġa t-tnejn tal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika. Il-Kummissjoni fakkret li l-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ser tiġi diżattivata fi tmiem l-2023. Hija appellat għal politiki fiskali fl-2023-2024 li jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn fuq terminu medju u li jżidu t-tkabbir potenzjali b'mod sostenibbli u stiednet lill-Istati Membri biex jistabbilixxu fil-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tagħhom tal-2023 kif il-pjanijiet fiskali tagħhom ser jiżguraw li l-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) jiġi rispettat u jiżguraw tnaqqis plawżibbli u kontinwu tad-dejn, jew biex id-dejn jinżamm f'livelli prudenti fit-terminu medju. Il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-Istati Membri jeliminaw gradwalment il-miżuri fiskali nazzjonali introdotti biex jiproteġu lill-unitajiet domestiċi u lid-ditti mix-xokk tal-prezz tal-enerġija, u jibdew bl-inqas miżuri mmirati. Hija indikat li, jekk ikun meħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ jiġu estiżi minħabba pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija mġedda, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw aħjar tali miżuri lejn unitajiet domestiċi u ditti vulnerabbli. Il-Kummissjoni ddikjarat li r-rakkomandazzjonijiet fiskali jkunu kwantifikati u differenzjati. Barra minn hekk, kif propost fil-komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Novembru 2022 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali jiġu fformulati abbażi tan-nefqa primarja netta. Hija rrakkomandat li l-Istati Membri kollha jkomplu jiproteġu l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali u jiżguraw l-użu effettiv tal-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-oġġettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u tar-reżiljenza. Il-Kummissjoni indikat li ser tipproponi lill-Kunsill jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa tal-2024 abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali eżistenti.

- (8) Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi biex timplimenta riforma komprensiva tar-regoli ta' governanza ekonomika tal-Unjoni. L-objettiv ċentrali tal-proposti huwa li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u li jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha permezz ta' riformi u investimenti. Fil-proposti tagħha, il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb is-sjieda nazzjonali, tissimplifika l-qafas u timxi lejn fokus akbar fuq terminu medju, flimkien ma' infurzar effettiv u aktar koerenti. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2023 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, l-objettiv huwa li l-ħidma leġiżlattiva tiġi konkluża fl-2023.
- (9) Fit-30 ta' April 2021, il-Latvja ppreżentat il-pjan tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V għal dak ir-Regolament. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal-Latvja⁶. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li tiddikjara li l-Latvja tkun laqget b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twettiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treġġgħet lura.

⁶ ST 10157/2021 INIT; ST 10157/2021 ADD 1; ST 10157/2021 ADD 1 COR 1.

- (10) Fil-25 ta' April 2023, il-Latvja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2023 u, fis-17 ta' April 2023, il-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2023, f'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tal-Latvja dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha.
- (11) Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tagħha tal-pajjiż 2023 għal-Latvja. Huwa vvaluta l-progress tal-Latvja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill bejn l-2019 u l-2022, u ħa kont tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Latvja. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti. Hija vvalutat ukoll il-progress tal-Latvja fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

(12) Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għal-Latvja u ppubblikat ir-riżultati tagħha fl-24 ta' Mejju 2023. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Latvja mhix qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, il-vulnerabbiltajiet relatati mas-self estern u l-akkomodazzjoni għadhom moderati, filwaqt li dawk relatati mal-kompetittività huma pertinenti, iżda huma mistennija li jibqgħu kkontrollati b'mod ġenerali fil-futur qrib. It-twessigħ reċenti tad-defiċit tal-kont kurrenti kien sinifikanti, iżda d-defiċit huwa mistenni li jonqos sostanzjalment fl-2023 u ulterjorment fl-2024. Il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta tal-Latvja, li tgiebet b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar għaxar snin, hija mistennija li tibqa' ġeneralment stabbli. Madankollu, il-perssonijiet fuq l-inflazzjoni u l-pagi, jekk persistenti, jirriskjaw li jdgħajfu l-kompetittività tal-Latvja, b'mod partikolari peress li l-inflazzjoni bażika hija ferm ogħla mill-medja taż-Żona tal-Euro. Filwaqt li t-tkabbir fil-prezzijiet tad-djar ġie elevat reċentement, is-sopravalutazzjoni tal-prezzijiet tad-djar ma tidhirx li hija sostanzjali. Barra minn hekk, it-tkabbir fil-prezzijiet tad-djar naqas lejn l-aħħar tal-2022, is-self ipotekarju kien dgħajfef, u d-dejn tal-unitajiet domestiċi huwa limitat u qed jonqos f'termini ta' introjtu tal-unitajiet domestiċi. Il-Latvja qed tiffaċċa sfidi ekonomiċi strutturali ewlenin relatati ma' tnaqqis fil-provvista tax-xogħol, li kkontribwixxa għal żidiet rapidi fil-kost ta' unità lavorattiva u jirriskja li jfixkel il-kompetittività fuq terminu medju. It-tfassil tal-politika huwa ġeneralment favorevoli, għalkemm xi sforzi addizzjonali jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati r-riskji mill-vulnerabbiltajiet identifikati. Il-politiki li jissalvagwardjaw il-kompetittività, inklużi miżuri biex tiżdied il-kwalità u l-kwantità tal-provvista tax-xogħol, ikunu importanti f'dak ir-rigward. It-tqassir tal-proċess tal-permessi għall-kostruzzjoni jgħin biex jappoġġa l-provvista tad-djar u jtejjeb is-sitwazzjoni tas-suq tad-djar.

- (13) Skont id-data vvalidata mill-Eurostat, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Ungerija naqas minn 7.1 % tal-PDG fl-2021 għal 4.4 % fl-2022, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż naqas minn 43.7 % tal-PDG fi tmiem l-2021 għal 40.8 % fi tmiem l-2022. Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat. Dak ir-rapport iddiskuta s-sitwazzjoni baġitarja tal-Latvja, billi d-defiċit tal-gvern estiż tagħha fl-2022 qabeż il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat. Ir-rapport ikkonkluda li l-kriterju tad-defiċit ma ġiex issodisfat. F'konformità mal-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ma pproponietx li tiftaħ proċeduri ġodda ta' defiċit eċċessiv fir-rebbiegħa 2023. Il-Kummissjoni ddikjarat sussegwentement li kienet ser tipproponi lill-Kunsill biex jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa 2024, abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023. Jenħtiegħ li l-Latvja tqis dan fl-eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għall-2023 u fit-tnejn tal-abbozz ta' pjan baġitarju għall-2024.
- (14) Il-bilanċ tal-gvern estiż intlaqat mill-miżuri ta' politika fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Fl-2022, tali miżuri tal-politika fiskali li jżidu n-nefqa kienu jinkludu kumpens għall-kost għat-tiżhin (ibbażat fuq is-sors tal-enerġija użat) u tnaqqis fil-kontijiet tal-elettriku għall-unitajiet domestiċi; benefiċċji ta' kull xahar għal unitajiet domestiċi vulnerabbli u familji bit-tfal kif ukoll indiqjar aktar bikri tal-pensjonijiet; għotjiet lil kumpaniji li jużaw ħafna enerġija u kumpens għaż-żieda fil-kostijiet tal-elettriku għall-kumpaniji. L-istima tal-Kummissjoni tal-kost baġitarju net ta' dawk il-miżuri hija fil-livell ta' 1.5 % tal-PDG fl-2022. Il-bilanċ tal-gvern estiż ġie affettwat ukoll mill-kost baġitarju tal-offerta ta' protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna, li hija stmata għal 0.2 % tal-PDG fl-2022. Fl-istess ħin, il-kost stmat tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 naqas għal 1.2 % tal-PDG fl-2022, minn 5.0 % fl-2021.

- (15) Fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 il-Latvja⁷ żżomm pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, inkluż mill-impuls ipprovdut mill-Faċilità, u tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll lil-Latvja biex iżżomm taħt kontroll it-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fuq livell nazzjonali.
- (16) Skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali⁸ fl-2022 kienet newtrali, fil-livell ta' 0.0 % tal-PDG, li kienet xierqa f'kuntast ta' inflazzjoni għolja. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, il-Latvja kompliet tappoġġa l-irkupru b'investimenti ffinanzjati mill-Faċilità. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni ammontat għal 1.1 % tal-PDG fl-2022 (1.3 % tal-PDG fl-2021). Minħabba restrizzjonijiet fuq il-kapaċità u żieda fil-prezzijiet tal-kostruzzjoni, xi investimenti ffinanzjati mill-għotjiet tal-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni fl-2022 ġew posposti, u dan wassal għal tnaqqis żgħir fin-nefqa. Investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali pprova kontribuzzjoni restrittiva ta' 1.2 punt perċentwali għall-pożizzjoni fiskali⁹. Għalhekk, il-Latvja ma ppreżervatx l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali, li mhuwiex konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) ipprova kontribuzzjoni restrittiva ta' 0.3 punt perċentwali għall-pożizzjoni fiskali kumplessiva. Għalhekk, il-Latvja żammet taħt kontroll it-tkabbir fin-nefqa kurrenti ffinanzjata nazzjonalment.

⁷ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2021 tal-Latvja, (ĠU C 304, 29.07.2021, p. 63).

⁸ Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji), bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 iżda li tinkludi n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju. Għal aktar dettalji ara l-Kaxxa 1 fit-Tabelli Statistiċi Fiskali.

⁹ Din il-kontribuzzjoni restrittiva hija kkawżata b'mod partikolari minn inġenju aktar baxx fuq proġetti ta' investiment kofinanzjati mill-fondi tal-Unjoni, li affettwa wkoll l-iżviluppi ta' kofinanzjament nazzjonali (b'mod partikolari fil-livell tal-gvern lokali) kif ukoll bit-trasferiment ta' tagħmir militari lejn l-Ukrajna li huwa rreġistrat bħala kumpens negattiv tal-formazzjoni grossa tal-kapital fiss permezz ta' trasferiment ta' kapital. Fl-istess ħin, nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment ipprovdiet kontribuzzjoni espansjonarja ta' 1.7 punti perċentwali tal-PDG. Iż-żieda fin-nefqa kapitali l-oħra hija fil-biċċa l-kbira spjegata minn żewġ fatturi: il-ħolqien ta' riżervi ta' gass naturali għas-sigurtà tal-provvista nazzjonali tal-enerġija u t-trasferiment ta' tagħmir militari lill-Ukrajna.

- (17) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 huwa kawt fl-2023 u wara. Il-Gvern jipprojetta li l-PDG reali jistaġna fl-2023 u jikber bi 2.0 % fl-2024. Meta mqabbel ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta tkabbir tal-PDG reali oġhla ta' 1.4 % fl-2023 u 2.8 % fl-2024, li jirrifletti l-inkorporazzjoni ta' rilaxxi ġodda ta' data mhux inkluża fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, jiġifieri reviżjonijiet tad-data tat-tkabbir tal-PDG fl-2022 kif ukoll l-istima rapida għall-ewwel trimestru tal-2023, li t-tnejn li huma jpoġġu t-tkabbir tal-PDG oġhla milli mistenni qabel. Madankollu, f'termini nominali, it-tkabbir projettat tal-PDG huwa simili fiż-żewġ tbassiriet bi tkabbir ta' 11.7 % u 5.5 % mistenni għall-2023 u l-2024, rispettivament, fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 u t-tbassir ta' tkabbir ta' 10.5 % u 5.6 % għas-snin rispettivi fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni.
- (18) Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2023, il-Gvern jistenna li d-defiċit tal-gvern estiż ser jonqos għal 4.0 % tal-PDG fl-2023. L-aġġustament tad-defiċit fl-2023 jirrifletti prinċipalment l-iżviluppi fin-nefqa. Kontribuzzjoni li tnaqqas id-defiċit hija mistennija mill-eliminazzjoni gradwali tal-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' appoġġ relatati mal-pandemija u n-nefqa f'somma f'daqqa fl-2022 għall-ħolqien ta' riżerva nazzjonali tal-gass mhijiex prevista għall-2023. Dan l-iffrankar huwa mistenni li jkun parzjalment ikkumpensat minn miżuri ta' nfiq inklużi fil-pakkett baġitarju tal-2023, bħal żieda fil-pagi għall-amministrazzjoni pubblika u l-persunal mediku, nefqa kurrenti oġhla għas-servizzi tal-kura tas-saħħa, ix-xjenza, ir-riċerka u l-edukazzjoni għolja kif ukoll pakkett sostanzjali ta' investiment pubbliku għad-difiża u s-sigurtà interna. Barra minn hekk, huwa mistenni nfiq oġhla għall-pensjonijiet u l-allowances minħabba koeffiċjenti ta' indiċjar oġhla. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos minn 40.8 % fi tmiem l-2022 għal 39.6 % fi tmiem l-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 3.8 % tal-PDG għall-2023. Dan huwa konformi mad-defiċit ipprojettat fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon kemxejn oġhla ta' dejn tal-gvern estiż mal-PDG, ta' 39.8 % fl-aħħar tal-2023.

(19) Il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jkompli jintlaqat mill-miżuri ta' politika fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Dawn jikkonsistu prinċipalment f'miżuri estiżi mill-2022. Il-kost baġitarju nett tal-miżuri ta' appoġġ huwa pprojetat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 1.0 % tal-PDG fl-2023¹⁰. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri fl-2023 ma jidhrux li huma mmirati lejn l-unitajiet domestiċi jew id-ditti l-aktar vulnerabbli, u ma jippreservawx bis-sħiħ is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza enerġetika. B'risultat ta' dan, l-ammont ta' miżuri ta' appoġġ immirati, li għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tal-konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022¹¹, huwa stmat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 0.1 % tal-PDG fl-2023 (meta mqabbel maż-0.5 % tal-PDG fl-2022). Il-kost baġitarju biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lil persuni spostati mill-Ukrajna huwa pprojetat li jonqos b'0.1 punt perċentwali tal-PDG meta mqabbel mal-2022. Fl-aħħar nett, il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jibbenefika mit-tneħħija gradwali tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19, li ġew stmati għal 1.2 % tal-PDG.

¹⁰ Iċ-ċifra tirrappreżenta l-livell tal-kost baġitarju annwali ta' dawk il-miżuri, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll — fejn rilevanti — il-miżuri tan-nefqa kapitali.

¹¹ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Latvja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 tal-Latvja (ĠU C 334, 1.9.2022, p. 112).

(20) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill irrakkomanda li l-Latvja tiegħu azzjoni biex tiżgura li fl-2023 it-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali jkun konformi ma' pożizzjoni politika newtrali b'mod kumplessiv¹², filwaqt li jitqies l-appoġġ temporanju u mmirat kontinwu għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li jaħarbu mill-Ukrajna. Jenħtieġ li l-Latvja tkun lesta li taġġusta l-infiq attwali f'sitwazzjoni li qiegħda tevolvi. Saret ukoll rakkomandazzjoni biex il-Latvja tespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija filwaqt li titqies l-inizjattiva REPowerEU, inkluż billi jsir użu mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni.

¹² Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir tal-output potenzjali tal-Latvja, li jintuża biex titkejjel il-pożizzjoni fiskali, fuq terminu medju (medja ta' għaxar snin) huwa stmat fil-livell ta' 11.5 % f'termini nominali.

(21) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pprojetjata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni li tkun espansjonarja (- 0.9 % tal-PDG), fil-kuntest ta' inflazzjoni għolja. Din issegwi pożizzjoni fiskali newtrali fl-2022 (0.0 % tal-PDG). It-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali (nett minn miżuri diskrezzjonarji ta' dħul) fl-2023 huwa pprojettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansiva ta' 0.5 % tal-GDP għall-pożizzjoni fiskali. Dan jinkludi l-kost imnaqqas tal-miżuri ta' appoġġ immirati għall-unitajiet domestiċi u għad-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija b'0.4 % tal-PDG. Dan jinkludi wkoll il-kost oġhla biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna (b'0.1 % tal-PDG). Għalhekk, il-kontribuzzjoni espansjonarja tan-nefqa kurrenti primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali mhijiex dovuta għall-appoġġ immirat għall-unitajiet domestiċi u għad-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. It-tkabbir espansjonarju fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji) huwa xprunat minn miżuri ta' nefqa inklużi fil-pakkett baġitarju tal-2023, bħaż-żieda fil-pagi għall-persunal amministrattiv u mediku, in-nefqa kurrenti addizzjonali li tiffinanzja l-onkoloġija, ix-xjenza u r-riċerka u nefqa kurrenti diskrezzjonali oħra għall-amministrazzjoni nazzjonali kif ukoll infiq oġhla għall-pensjonijiet u l-allowances. Fil-qosor, it-tkabbir iprojettat tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali mhux konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet tal-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pprojetjata li tammonta għal 2.2 % tal-PDG fl-2023, filwaqt li l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali huwa pprojettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja għall-pożizzjoni fiskali ta' 1.0 punt percentwali¹³.

¹³ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata fil-livell nazzjonali hija pprojetjata li tipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 1.7 punti perċentwali tal-PDG minħabba li t-tbassir tal-Kummissjoni għall-2023 ma jinkludix il-ħolqien ta' riżervi tal-gass naturali għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-assistenza militari lill-Ukrajna.

Għalhekk, il-Latvja qed tippjana li tiffinanzja investment addizzjonali permezz tal-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, u hija pproġettata li tippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Hija tippjana li tiffinanzja l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija, bħax-xiri ta' vetturi elettriċi għat-trasport pubbliku, it-titjib tal-effiċjenza enerġetika ta' bini b'aktar minn appartament wieħed u proprjetajiet kummerċjali, l-immodernizzar tan-networks tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, it-tiżiħ tal-kapaċità ta' rispons tas-servizzi ta' salvataġġ, iċ-ċentralizzazzjoni tal-pjattaformi u s-sistemi diġitali tal-governanza fis-settur pubbliku, l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali u d-diġitalizzazzjoni tal-proċessi fin-negozji, l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-broadband kif ukoll it-trawwim tad-diġitalizzazzjoni fis-settur tal-edukazzjoni. Dak l-investment pubbliku huwa fil-biċċa l-kbira ffinanzjat mill-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni.

- (22) Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 2.5 % tal-PDG fl-2024. It-tnaqqis fl-2024 jirrifletti prinċipalment l-eliminazzjoni gradwali tal-miżuri ta' appoġġ biex jittaffa l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija, in-nuqqas ta' nefqa attwali relatata mal-pandemija tal-COVID-19 u l-fatt li l-investment biex jiġi appoġġat l-irkupru mill-pandemija ser jintemm fl-2023. Skont il-Programm ta' Stabbiltà 2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jiżdied kemxejn għal 39.7 % fi tmiem l-2024. Abbażi tal-miżuri politiċi magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 2.7 % tal-PDG fl-2024. Dan huwa konformi mad-defiċit ipprojettat fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon oġhla tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG, ta' 40.5 % fi tmiem l-2024, prinċipalment minħabba l-PDG nominali aktar baxx.

- (23) Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 jipprevedi t-tneħħija gradwali tal-miżuri kollha ta' appoġġ għall-enerġija fl-2024. Il-Kummissjoni tassumi wkoll it-tneħħija gradwali sħiħa tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija fl-2024. Dan huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni li ma jkunx hemm żidiet ġodda fil-prezzijiet tal-enerġija.
- (24) Ir-Regolament (KE) Nru 1466/97 jitlob titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali għall-oġjettiv baġitarju ta' terminu medju b'0.5 % tal-PDG bħala punt ta' riferiment¹⁴. Meta jitqiesu konsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà fiskali u l-ħtieġa li l-iżbilanċ jitnaqqas għal taħt il-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-PDG, skont il-Kummissjoni jkun xieraq titjib fil-bilanċ strutturali ta' mill-inqas 0.5 % tal-PDG għall-2024. Sabiex jiġi żgurat tali titjib, u f'konformità mal-metodoloġija tal-Kummissjoni, it-tkabbir fin-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali¹⁵ fl-2024 jenħtieġ li ma jaqbiżx il-3.0 %, kif rifless f'din ir-Rakkomandazzjoni. Dan ser jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-inflazzjoni bażika, li hija ferm ogħla mill-medja taż-Żona tal-Euro, u li jista' jwassal għal telf fil-kompetittività jekk jibqa' persistenti. Fl-istess ħin, il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li jifdal (attwalment stmati mill-Kummissjoni għal 1.0 % tal-PDG fl-2023) jenħtieġ li jitneħħew gradwalment, jekk l-iżviluppi tas-suq tal-enerġija jippermettu li dan isir u l-ewwel għandhom ikunu l-miżuri l-inqas immirati, u l-iffrankar relatat jenħtieġ li jintuża biex jitnaqqas id-defiċit tal-gvern. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, dan iwassal għal tkabbir fin-nefqa primarja netta aktar baxx minn dak irrakkomandat għall-2024. Barra minn hekk, skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir fin-nefqa netta kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali fl-2023 mhuwiex f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022. Jekk dan jiġi kkonfermat, ikun xieraq li jkun hemm inqas tkabbir fin-nefqa primarja netta fl-2024.

¹⁴ L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 jirrikjedi wkoll aġġustament ta' aktar minn 0.5 % tal-PDG għall-Istati Membri b'dejn tal-gvern li jaqbeż is-60 % tal-PDG, jew b'riskji aktar evidenti għas-sostenibbiltà tad-dejn.

¹⁵ In-nefqa primarja netta hija definita bħala nefqa ffinanzjata fil-livell nazzjonali netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tan-nefqa fuq l-imgħax kif ukoll in-nefqa ċiklika fuq il-qgħad.

- (25) Jekk wieħed jassumi li l-politiki ma jinbidlux, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta li n-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali tikber għal 1.3 % fl-2024 li hija taħt ir-rata ta' tkabbir rakkomandata.
- (26) Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, l-investiment tal-gvern mistenni jiżdied minn 5.5 % tal-PDG fl-2023 għal 6.1 % tal-PDG fl-2024. L-investiment ogħla jirrifletti investiment ogħla ffinanzjat fil-livell nazzjonali u mill-Unjoni, inkluż permezz tal-Faċilità.
- (27) Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 jiddeskrivi perkors fiskali fuq terminu medju sal-2026. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 2.2 % tal-PDG fl-2025 u għal 0.7 % sal-2026. Għalhekk, id-defiċit tal-gvern estiż huwa ppjanat li jonqos taħt 3 % tal-PDG fl-2024 u jibqa' taħt 3 % tal-PDG matul il-perjodu tal-Programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos minn 39.7 % fi tmiem l-2024 għal 38.9 % sa tmiem l-2026.

(28) Id-dħul mit-taxxa tal-Latvja b'ħala sehem mill-PDG huwa ferm inqas mill-medja tal-Unjoni. Dan jillimita l-għoti ta' servizzi pubbliċi, b'mod partikolari fil-kura tas-saħħa u l-protezzjoni soċjali. Il-kapital u l-proprjetà mhumiex intaxxati biżżejjed relattivament meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni u joffru potenzjal biex jizzied id-dħul mit-taxxa. Barra minn hekk, il-Latvja tiġbor dħul relattivament baxx mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol minkejja rati tat-taxxa relattivament għoljin. Dan jissuġġerixxi li huma meħtieġa sforzi kontinwi biex tittejjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa u tiġi indirizzata l-ekonomija klandestina. Il-faqar u l-inugwaljanza għadhom għoljin, b'mod partikolari minħabba l-infiq baxx fuq il-protezzjoni soċjali. L-adeqwatezza tax-xibka ta' sikurezza soċjali ġiet imtejba, iżda r-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għadu għoli, b'mod partikolari għal dawk l-aktar vulnerabbli. Ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fix-xjuħija huwa l-ogħla fl-Unjoni (45.9 % fil-Latvja meta mqabbel ma' 19.5 % fl-Unjoni fl-2021) u għadu għoli ħafna għall-persuni b'diżabilità (41.2 % fil-Latvja meta mqabbel ma' 29.7 % fl-Unjoni fl-2021). L-aċċess għas-servizzi soċjali individwali bbażati fuq il-ħtiġijiet u l-kwalità tagħhom jibqgħu sfida minħabba n-nuqqasijiet u l-ammont kbir ta' xogħol tal-ħaddiema soċjali kif ukoll id-disparitajiet bejn il-muniċipalitajiet. Is-sistema tal-kura fit-tul hija frammentata, bi progress limitat fit-tranżizzjoni minn servizzi ta' kura istituzzjonali għall-kura fid-dar u servizzi bbażati fil-komunità. L-adeqwatezza u d-disponibbiltà tal-akkomodazzjoni soċjali huma limitati minħabba nuqqas ta' finanzjament fit-tul. L-infiq pubbliku fuq il-kura tas-saħħa b'ħala sehem tal-PDG huwa baxx meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni, u l-pjanijiet baġitarji fuq terminu medju jstennu li dan jonqos minn 5.6 % tal-PDG fl-2022 għal 3.6 % fl-2026 skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023. Dan huwa wkoll ferm inqas mil-livell ta' finanzjament pubbliku meħtieġ għall-kura tas-saħħa ta' 2027, jiġifieri 6 % tal-PDG sal-2027, kif indikat fil-Linji Gwida tal-Politika dwar is-Saħħa Pubblika tal-Latvja 2021–2027. Filwaqt li t-tnaqqis huwa prinċipalment dovut għat-tneħħija gradwali tal-miżuri temporanji ta' appoġġ għall-COVID-19, hemm ukoll nuqqas ta' pjanijiet għal finanzjament sostenibbli tal-kura tas-saħħa. Barra minn hekk, il-Latvja qed tiffaċċa nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tas-saħħa, speċjalment infermiera. B'riżultat ta' dan, l-aċċess fil-ħin u ugwali għall-kura tas-saħħa huwa limitat.

- (29) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V għal dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li għandhom jiġu implimentati sal-2026. L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Latvja tinsab fi stadju avvanzat. Il-Latvja ppreżentat talba waħda għal pagament, li jikkorrispondu għal disa' stadji importanti u li jirriżultaw fi żborż globali ta' EUR 201 miljun. Bħala riżultat ta' ċirkostanzi oġġettivi relatati maż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-materjali tal-kostruzzjoni, u mar-restrizzjonijiet fil-katina tal-provvista minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Latvja biħsiebha tippreżenta emendi għall-pjan, kif ukoll li żżid kapitolu REPowerEU ġdid biex taċċellera d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. L-inklużjoni rapida tal-kapitolu REPowerEU ġdid fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ser tippermetti li jiġu ffinanzjati riformi u investimenti addizzjonali b'appoġġ għall-oġġettivi strateġiċi tal-Latvja fil-qasam tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. L-involviment sistematiku u effettiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn minn dak il-pjan, sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.
- (30) Il-Kummissjoni approvat id-dokumenti kollha ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-Latvja fl-2022. It-tkomplija tal-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni f'komplementarjetà u sinerġija mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-kapitolu REPowerEU, hija kruċjali biex jinkisbu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, tiżdied ir-reżiljenza ekonomika u soċjali, u jiġi bbilanċjat l-iżvilupp territorjali fil-Latvja.
- (31) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni, il-Latvja qed tiffaċċa sfidi relatati mal-aċċess għall-finanzi, għall-enerġija u għat-tranżizzjoni ekoloġika.

(32) Il-fluss tal-kreditu tas-settur privat ammonta għal 1 % tal-PDG fl-2021, li kien konsiderevolment taħt ir-rata ta' tkabbir tal-ekonomija. Dan iwassal għal aktar tnaqqis fid-dejn tas-settur privat, li huwa fost l-aktar baxxi fl-Unjoni. Dan it-tkabbir dgħajjed tal-kreditu sa ċertu punt jirrifletti domanda dgħajfa iżda huwa influwenzat ukoll minn għadd ta' sfidi min-naħa tal-provvista. L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju sabuha partikolarment diffiċli biex jiksbu kreditu. Dan huwa parzjalment dovut għar-riskju ta' kreditu oġhla tagħhom, iżda wkoll minħabba l-kost għoli tal-kreditu u l-burokrazija żejda. Barra minn hekk, il-likwidità fqira tal-assi disponibbli għall-kollateral tagħmilha partikolarment diffiċli li wieħed jikseb kreditu barra mir-reġjun ta' Riga. Dan joħloq ostaklu sinifikanti kemm għas-self ipotekarju kif ukoll għas-self lin-negozji. L-isforzi ta' politika ffukaw prinċipalment fuq l-appoġġ tas-self billi kkombinawh ma' għotjiet pubbliċi. Madankollu, dan iġib miegħu kost sinifikanti għall-baġit tal-gvern u għalhekk mhuxwix mod sostenibbli biex is-self jingħata spinta. It-tnaqqis tar-restrizzjonijiet fuq il-provvista tal-kreditu jeħtieġ titjib ġenerali fit-trasparenza u l-fiduċja tal-ambjent tan-negozju, inkluż tnaqqis fid-daqs tal-ekonomija sotterranja. Barra minn hekk, it-titjib tal-proċess ta' insolvenza biex tinkiseb rata għolja ta' ristrutturar tan-negozju u possibbilment rati oġhla ta' rkupru tas-self inaqqas ir-riskji perċepiti tal-banek u jżid is-self. Skemi mmirati ta' self u garanzija jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu r-riskji ta' likwidità ffaċċjati minn banek meta jaċċettaw kollateral fi swieq relattivament illikwidi. Skemi ta' self pubbliku għal oqsma ta' investimenti strateġikament importanti bħat-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp reġjonali, jistgħu jżidu l-kompetizzjoni effettiva fis-suq bankarju jew jimlew lakuna fis-suq fejn il-finanzjament bankarju jkun għali wisq jew mhux disponibbli. Barra minn hekk, l-iskemi ta' garanzija u self pubbliċi joffru mod ferm aktar kosteffiċjenti ta' appoġġ għat-teħid b'self privat minn skemi ta' għotjiet. Minbarra l-ostakli għall-finanzjament bankarju, is-suq Latvjan għal sorsi alternattivi ta' finanzjament huwa sottożviluppat u għandu l-potenzjal li jtejjeb l-aċċess tal-kumpaniji għal finanzjament.

(33) Il-Latvja żgurat l-indipendenza tagħha mill-gass Russu wara d-deċiżjoni tal-parlament f'Lulju 2022 li tiegħaf tixtri l-gass naturali Russu mill-1 ta' Jannar 2023. Il-fornituri domestiċi tal-gass rnexxielhom jsibu sorsi alternattivi ta' gass naturali bis-saħħa tal-importazzjonijiet ta' gass naturali likwifikat (liquified natural gas, LNG) mit-terminal tal-LNG f'Klaipeda, il-Litwanja u t-terminal il-ġdid tal-LNG f'Inkoo, il-Finlandja. Is-sitwazzjoni attwali wriet il-ħtieġa li titħaffef l-introduzzjoni bil-mod ta' installazzjonijiet għall-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Il-Latvja għandha wieħed mill-ogħla ishma ta' enerġija rinnovabbli fl-Unjoni għalkemm dan is-sehem staġna mill-2020 sal-2021. Il-Latvja tibbenefika jekk taċċellera l-isforzi tagħha fl-użu tal-enerġija mir-riħ u mix-xemx, li hija l-aktar soluzzjoni vijabbli u fit-tul biex jiżdied is-sehem tal-enerġija rinnovabbli. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Latvja diġà jinkludi miżuri biex jitneħħew l-ostakli regolatorji għall-użu tal-enerġija eolika fuq l-art. Madankollu, jistgħu jsiru aktar sforzi biex jitħaffef l-użu tal-enerġija rinnovabbli għall-ġenerazzjoni, it-tiħin u t-tkessiħ tal-elettriku. Dan ikun jinvolvi l-immodernizzar tal-grilja tal-elettriku, il-promozzjoni tal-ġenerazzjoni deċentralizzata tal-elettriku rinnovabbli, il-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija (ir-rispons tad-domanda u l-ħżin), it-titjib ulterjuri tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi u l-istabbiliment ta' qafas legali u inċentivi għall-promozzjoni tal-komunitajiet tal-enerġija. It-tlestija tas-sinkronizzazzjoni tal-Latvja mal-grilja tal-elettriku tal-Unjoni żżid il-kapaċità ta' trażmissjoni sabiex sehem dejjem akbar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u fuq l-art ikun jista' jiġi integrat fil-grilja. In-network tal-elettriku Latvjan, bħal dak ta' Stati Membri Baltiċi oħra, għadu espost peress li huwa sinkronizzat mal-grilja tal-elettriku BRELL (il-Belarussja, ir-Russja, l-Estonja, il-Litwanja u l-Latvja). Is-sinkronizzazzjoni reġjonali tan-network tal-elettriku mal-bqija tal-Unjoni qed tagħmel progress iżda għad trid titlesta. Għal dak l-għan, hija meħtieġa kooperazzjoni mal-Estonja u l-Litwanja. Il-konsum tal-gass naturali tal-Latvja naqas bi 30 % fil-perjodu bejn Awwissu 2022 u Marzu 2023, meta mqabbel mal-konsum medju tal-gass matul l-istess perjodu fil-ħames snin preċedenti, lil hinn mill-mira ta' tnaqqis ta' 15 %. Il-Latvja tista' ssaħħaħ l-isforzi biex tnaqqas temporanjament id-domanda għall-gass sal-31 ta' Marzu 2024 f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369¹⁶.

¹⁶ Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).

- (34) Jenħtieġ li l-Latvja taċċellera l-isforzi tagħha biex iżżid il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika biex tiddekarbonizza l-istokk tal-bini tagħha kif ukoll it-trasport u l-industrija u tistabbilixxi miżuri ġodda ta' finanzjament u appoġġ biex jintlaħqu l-miri ta' rinnovazzjoni tal-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul tagħha.
- (35) In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-setturi u l-okkupazzjonijiet ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-manifattura, l-introduzzjoni u l-manutenzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, qed joħolqu ostakli fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti. Sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu u miżuri mmirati ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid huma kruċjali biex jitnaqqas in-nuqqas ta' ħiliet u jiġu promossi l-inklużjoni u r-riallokazzjoni tax-xogħol. Biex tiġi sfruttata l-provvista tax-xogħol mhux sfruttata, dawk il-miżuri jeħtieġ li jkunu aċċessibbli, b'mod partikolari għall-individwi u fis-setturi u r-regġuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika. Fl-2022, ġie rrapportat nuqqas ta' ħaddiema f'25 minn 436 okkupazzjoni li kienu jeħtieġu ħiliet jew għarfien speċifiċi għat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi l-elettriċisti u l-inġiniera mekkaniċi. In-nuqqas ta' ħaddiema ġie rrapportat bħala fattur li llimita l-produzzjoni fl-industrija u l-kostruzzjoni.
- (36) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 u l-opinjoni tiegħu¹⁷ hija riflessa fir-Rakkomandazzjoni (1).

¹⁷ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

(37) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, biex (i) jippreservaw is-sostenibbiltà tad-dejn u joqogħdu lura minn appoġġ fuq bażi wiesgħa għad-domanda aggregata fl-2023, jimmiraw aħjar il-miżuri fiskali meħuda biex itaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija u jirriflettu dwar modi xierqa biex jitnaqqas l-appoġġ hekk kif jonqsu l-pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija; (ii) isostnu livell għoli ta' investiment pubbliku u jippromwovu l-investiment privat biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali; (iii) jappoġġaw l-iżviluppi fil-pagi li jtaffu t-telf fil-kapaċità tal-akkwist filwaqt li jillimitaw l-effetti sekondarji fuq l-inflazzjoni, ikomplu jtejbu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet; (iv) itejbu l-ambjent tan-negozju u jiżguraw li l-appoġġ għall-enerġija lill-kumpaniji jkun kosteffettiv, temporanju, immirat lejn ditti vijabbli u li jżomm l-inċentivi għat-tranżizzjoni ekoloġika; u (v) jippreservaw l-istabbiltà makrofinanzjarja u jimmonitorjaw ir-riskji filwaqt li jkomplu jaħdmu fuq it-tlestija tal-unjoni bankarja. Għal-Latvja, ir-rakkomandazzjonijiet (1), (2), (3) u (4) jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' rakkomandazzjonijiet mogħtija fir-Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li fl-2023 u fl-2024 il-Latvja tieġu azzjoni biex:

1. Tnaqqas gradwalment il-miżuri urġenti ta' appoġġ fis-seħħ, u tuża l-iffrankar relatat biex tnaqqas id-defiċit tal-gvern, malajr kemm jista' jkun fl-2023 u l-2024. Jekk iż-żidiet imġedda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu jeħtieġu miżuri ta' appoġġ ġodda jew li jitkomplew, jiżgura li tali miżuri ta' sostenn ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli, ikunu fiskalment affordabbli, u jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija.

Tiżgura politika fiskali prudenti, b'mod partikolari billi tillimita ż-żieda nominali fin-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali fl-2024 għal mhux aktar minn 3.0 %¹⁸.

Tippreserva l-investment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u tiżgura l-assorbiment effettiv tal-għotjiet taħt il-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari biex trawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.

Għall-perjodu lil hinn mill-2024, tkompli ssegwi strateġija fiskali fuq terminu medju ta' konsolidazzjoni gradwali u sostenibbli, flimkien ma' investimenti u riformi li jwasslu għal tkabbir sostenibbli ogħla, sabiex tinkiseb pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju.

Twessa' t-tassazzjoni, inklużi tal-proprjetà u l-kapital, u ssaħħa l-adeqwatezza tal-kura tas-saħħa u l-protezzjoni soċjali.

2. Tkompli l-implimentazzjoni kostanti tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha u tiffinalizza malajr il-kapitolu REPowerEU bil-ħsieb li tibda l-implimentazzjoni tiegħu b'mod rapidu. Tkompli l-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, f'komplementarjetà u sinerġija mill-qrib mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

¹⁸ Li huwa stmat li jikkorrispondi għal titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali ta' mill-inqas 0.5 % tal-PDG għall-2024, kif deskritt fil-premessa 24.

3. Ittejjeb l-aċċess għal finanzjament għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju permezz ta' skemi ta' self u garanzija pubbliċi bl-għan li tiffaċilita l-investimenti ta' importanza strateġika, b'mod partikolari fl-oqsma tat-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp reġjonali.
4. Tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi taċċellera l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari l-enerġija mir-riħ fuq l-art u lil hinn mill-kosta u mix-xemx, tiddiversifika l-provvisti u r-rotot tal-enerġija, issaħħaħ il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika, pereżempju permezz ta' finanzjament u miżuri ta' appoġġ ġodda biex jintlaħqu l-miri tal-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul. Tiżgura kapacià suffiċjenti ta' interkonnnessjonijiet biex tiżdied is-sigurtà tal-provvista u titkompla s-sinkronizzazzjoni mal-grilja tal-elettriku tal-Unjoni. Iżżid l-isforzi politiċi mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President